MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Numru. 715/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**vs**

**ALFRED CINI bin Paul u Carmela nee' Cascun, imwieled fis-sitta w ghoxrin ta' Lulju 1952 u residenti Arka ta' Noe, Triq San Koronatu, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 51252G**

**MARY VELLA bint Paul Caruana u Giorgina nee' Grech, imwielda fit-t-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 1955 u residenti Arka ta' Noe, Triq San Koronatu, Nadur, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 41055G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputati **ALFRED CINI** bin Paul u Carmela nee' Cascun, imwieled fis-sitta w ghoxrin ta' Lulju 1952 u residenti 'Arka ta' Noe', Triq San Koronatu, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 51252G u **MARY VELLA** bint Paul Caruana u Giorgina nee' Grech, imwielda fit-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 1955 u residenti 'Arka ta' Noe', Triq San Koronatu, Nadur, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 41055G gew mressqa quddiemha u akkuzati talli fit-tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006 ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija, fi Triq ir-Rabat, Ghawdex:-

1. b'mod volontarju kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, storbju jew mod iehor;

2. talli ghajru w nsulentaw lil Josef u Peter Paul Azzopardi minn Nadur, Ghawdex bi kliem.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta' PS 1377 Emanuel Cilia u l-okorrenza relattiva.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Peter Paul Azzopardi u lil Josef Azzopardi kif wkoll liz-zewg imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Peress li mill-provi prodotti l-akkuzi ma jirrizultawx ppruvati b'mod sodisfacenti, **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma ssibx lil imputati ALFRED CINI U MARY VELLA hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom u tilliberahom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------